MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1061/2004

**Maltacom plc**

**Vs**

**Karen Maria Ebejer nee Shamrock u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2004 gie kjamat fil-kawza David Mallia**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm556.70 (hames mija sitta u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Bl-ispejjes u interessi kontra Karen Maria Ebejer nee Shamrock u l-kjamat fil-kawza David Mallia skond digriet tat-28 ta' Ottubru 2004.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-kjamat fil-kawza David Mallia iwiegeb ghalihom bil-

gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-16 ta' Dicembru 2004 il-kjamat fil-kawza naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-15 ta' Marzu 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza David Mallia bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------